# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 14/2015/VG**

**Daniel MIZZI [ID. Nru. 31192G]**

**vs**

**(1) Godwin MIZZI u**
**(2) Charmaine MIFSUD**

**It-Tribunal,**

Ra' **t-talba mressqa mir-rikorrenti fis-17 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' mija hamsa u erbghin euro [€145] oltre l-interessi relattivi b'effett mid-data tan-notifika ta' din it-Talba u dan wara li ppremetta hekk:

> "Ghidu intom konvenuti ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundannakom thallsu l-ammont ta' mija u hamsa u erbghin euro (€145) dovuti lilu bhala rizarciment ta' danni kkagunati fil-vettura tieghu meta intom illevajtu l-bieba ta' din il-vettura Toyota, u nizziltulha t-tyres b'vendikazzjoni; u spejjez inkorsi minnu sabiex jakkwista kopja tal-filmat ta' dak li kontu qeghdin taghmlu.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Mejju, 2015"

Ra' **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fl-14 ta' Settembru, 2015 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2) Illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuti stante li ma kkagunaw l-ebda dannu fil-vettura in kwistjoni.

3) Konsegwentement il-konvenuti m'huma responsabbli ghall-ebda hlas fil-konfront tal-attur u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda nfondati fil-mertu taghhom bl-ispejjez a karigu tal-attur.

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez".

Ra' l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra' d-dokumenti esebiti;

Ra' l-atti;

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti permezz tat-talba odjerna qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' mija u hamsa u erbghin euro [€145] oltre l-interessi relattivi b'effett mid-data tan-notifika ta' din it-Talba rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura tieghu meta skont hu, l-intimati illevaw il-bieba tal-vettura tieghu tat-tip Toyota u nizzlulha t-tyres b'vendikazzjoni u spejjez inkorsi minnu sabiex jakkwista kopja tal-filmat ta' dak li kienu ghamlu l-istess intimati.

2. L-intimati laqghu ghal din it-talba billi qalu li t-talbiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ebda ammont ma kien dovut minnhom stante

li ma kkagunaw l-ebda dannu fil-vettura in kwistjoni. Ghalhekk, komplew isostnu l-intimati, huma ma huma responsabbli ghall-ebda hlas fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement, it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bi spejjez ghalih.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Ir-rikorrenti u l-intimat Godwin Mizzi huma ahwa filwaqt li l-intimata Charmaine Mifsud hija t-tfajla tal-intimat Godwin Mizzi.

4. L-intimata Charmaine Mifsud qalet li hi u l-intimat l-iehor Godwin Mizzi kienu marru fil-garaxx fejn kien hemm il-vettura ta’ l-istess Godwin Mizzi u hemm sabu l-vettura tar-rikorrenti Daniel Mizzi. Hija qalet li l-vettura tar-rikorrenti kienet miftuha. Ziedet tghid li ppruvaw icemplu lir-rikorrenti fuq it-telefon cellulari tieghu izda ma qabduhx. Marru d-dar fejn kien joqghod ir-rikorrenti sabiex igibu c-cwievet izda ma sabuhomx hemm u huma tefawha *free* u resquha. Hija cahdet li l-vettura tar-rikorrenti kienet maghluqa. Mistoqsija jekk l-intimat kellhux xi haga f’idejh meta marru l-garaxx, hija qalet li jista jkun ghax kienu sejrin lejn Malta. Mistoqsija jekk hi ratx lill-intimat jaghmel xi haga mal-vettura tar-rikorrenti, hija wiegbet fin-negattiv u qalet li “*kull ma ghamilna ftahniha ghax kienet miftuha, nizzilna l-handbreak u tfajniha free u mexxejniha lura. Dak kollox*” (fol. 27). Din il-manuvra da parti taghhom saret l-ghaliex il-vettura tar-rikorrenti kienet qeghda tibblokka l-vettura ta’ l-intimat. Wara li hargu l-vettura ta’ l-intimat, huma regghu qeghdu din il-vettura tar-rikorrenti fejn kienet. Ziedet tghid li r-rikorrenti, wara dan l-episodju, mar l-Ghassa jaghmel rapport l-ghaliex qal li huma kienu wettqulu l-hsara fil-vettura tieghu.

5. Missier ir-rikorrenti u l-intimat Godwin Mizzi, Renaldo Mizzi xehed u qal li ibnu Godwin Mizzi kien qieghed il-vettura tieghu tat-tip Mini Minor gol-*car space* tar-rikorrenti ibnu Daniel Mizzi. Qal li r-rikorrenti qieghed il-vettura tieghu wara dik tal-intimat Godwin Mizzi biex b’hekk gie li ghalaq il-vettura ta’ Godwin. Huwa qal li x’hin ir-rikorrenti qieghed il-vettura f’dik il-posizzjoni huwa kien hemmhekk u li rah jaqfilha. Wara, hu u r-rikorrenti marru d-dar tieghu fejn ghadu joqghod. Xi hin wara nofsinhar ir-rikorrenti qallu li l-Mini ta’ l-intimat Godwin kienet qeghda barra fit-triq. Wara marru jaraw il-vettura tar-rikorrenti u sabu li din kienet inbarxet xi ftit fejn dahhal l-ghodda biex jiftaha u b’zewg *tyres* imnizzlin. Ix-xhud qal ukoll li f’dan il-

garaxx jipparkjaw biss hu, bintu, r-rikorrenti u l-intimat. Wara l-akkadut huwa mar sab lill-intimat, li joqghod fuq il-garaxxijiet in kwistjoni u staqsieh jekk hu u huh kienux ser jirrangaw u skont hu, l-intimat wiegbu u qallu "*le ghidlu jmur jmexxi*" (fol. 34). Qal ukoll li l-intimat jaghmel xoghol ta' *towing* u ghandu l-ghodda biex ikun jista jaghmel affarijiet kif fil-fatt ghamel. Fl-affidavit tieghu, x-xhud issemmi li l-incident sehh il-Hadd 3 ta' Mejju, 2015.

6. Ir-rikorrenti xehed u qal li nhar il-Hadd 3 ta' Mejju, 2015 huwa kien mar biex jipparkja l-vettura tieghu gewwa l-garaxx li hemm f'Mizzi Court, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex u sab li huh l-intimat Godwin Mizzi kien ipparkja l-vettura tieghu tat-tip Mini Minor fil-parking space li hemm quddiem il-garaxx tieghu. Dan il-parking space huwa proprjeta ta' l-istess rikorrenti. Ghalhekk, kompla qal ir-rikorrenti, huwa ma setax idahhal il-vettura tieghu fil-garaxx tieghu. Huwa pogga l-vettura tieghu fil-garaxx ta' missieru bit-tama li huh l-intimat jilhaq inehhi l-vettura tieghu u mar dawra ma missieru bil-vettura antika tieghu. Wara li gew lura, l-vettura ta' l-intimat kienet ghada hemmhekk u allura, sabiex missieru jkun jista jdahhal il-vettura tieghu fil-garaxx tieghu, huwa nehha t-Toyota tieghu u qeghda wara dik ta' l-intimat. Qal ukoll li l-intimat kellu l-garaxx tieghu f'din il-blokka izda ghar-ragunijiet tieghu, huwa ma poggihiex fih izda pogga l-vettura tieghu tat-tip mini minor quddiem il-garaxx tar-rikorrenti. Qal li huwa qafel il-vettura tieghu u mar id-dar tal-genituri tieghu. Mieghu kien hemm missieru. Ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00p.m.) huwa ra' l-vettura tal-intimat, tat-tip Mini Minor ipparkeggjata fit-triq u kien f'dak il-waqt li huwa staqsa lill-missieru sabiex imur mieghu halli jkun jista jara kif huh l-intimat hareg il-mini minor mill-garaxx. Qal li x'hin wasal fuq il-post huwa sab il-vettura tieghu mhux f'postha b'zewg tyres imnizzlin. Mar jaghmel rapport l-Ghassa tar-Rabat flimkien ma missieru u meta reggha mar lura fil-garaxx huwa ikkonstata li l-bieb tal-vettura tieghu kienet giet illivata sabiex tkun tista tinfetah. Kien hemm ukoll xi brixx fejn il-pilastru tal-bieba li giet illivata. Stqarr li dawn il-hsarat ma kienux hemm qabel. Huwa esebixxa ukoll diversi ritratti li juru l-hsarat u l-ambjent in kwistjoni. Huwa fetah il-vettura tieghu bic-cavetta u sab il-handbrake imnizzel u mhux kif kien hallih hu. Ix-xhud esebixxa ukoll *pen drive,* b'filmat, liema filmat it-Tribunal ra. Hemm ukoll esebiti l-*stills* mehudin min dan ic-CCTV footage. F'dan il-garaxx, kompla qal ir-rikorrenti jidhlu biss hu u familtu, inkluz l-intimat. Ma ghandu ghalfejn jidhol hadd izjed.

Ir-rikorrenti esebixxa ukoll stima ta' kemm kien ser jigi jiswa l-ispray (€70), €30 ghar-*road assistance* u €45 sabiex huwa ghamel ic-CCTV footage fuq DVD.

7. John Camilleri qal li fis-sena 2015 huwa kien ha recording minn fuq is-sistema tac-CCTV li kien hemm fi Triq Marsalforn u li huwa kien zamm l-ammont ta' €45 ghal din il-bicca xoghol.

8. Il-Kuntistabbli 754 Nicholas Bugeja qal li huwa kien ircieva rapport minghand ir-rikorrenti fit-3 ta' Mejju, 2015 dwar xi hsara li kienet saret fuq il-vettura tieghu. Wara li sar dan ir-rapport huwa kien ikkomunika ma' l-intimat u talbu sabiex imur l-Ghassa sabiex ikun jista jkellmu. L-intimat hekk ghamel u dan qallu li l-vettura tar-rikorrenti kien sabha miftuha u li hu kull ma ghamel kien li ressaqilhu lura sabiex ikun jista johrog il-vettura tieghu. Huwa kien cahad li kien ghamel xi hsara fil-vettura tar-rikorrenti.

9. Noel Sultana qal li huwa kien gie imqabbad mir-rikorrenti sabiex jonfoh it-tyres tal-vettura tieghu. Qal ukoll li kien tah stima fuq girfa li kien hemm fuq il-bieba fejn il-pum man-naha tax-xufier. Huwa ikkonferma li l-istima kienet fl-ammont ta' €70.

10. L-intimat Godwin Mizzi xehed u qal li huwa kien mar fil-garaxx sabiex ikun jista johrog il-mini u hemm sab il-vettura ta' huh ir-rikorrenti timblukkah. Huwa mar id-dar tal-genituri tieghu biex jistaqsi ghar-rikorrenti izda ma kienx hemm. Peress li ried jitla lejn Malta huwa reggha mar fil-garaxx, nizzel il-*handbreak* tal-vettura proprjeta tar-rikorrenti u caqlaqa lura sabiex ikun jista johrog il-vettura tieghu. In kontro-ezami huwa qal li l-vettura tieghu kienet ipparkjata fil-*car space* proprjeta tar-rikorrenti. Mistoqsi dwar jekk il-bieba kienitx imsakkra jew miftuha, l-intimat qal li din kienet miftuha. Huwa cahad li din kienet maghluqa. Cahad ukoll li huwa kien nizzel it-tyres tal-vettura proprjeta ta' huh ir-rikorrenti. Qal li "*kieku ridt naghmel vendikazzjoni, t-tyre ma kontx innizzillu, kont naqsamulu. Tal-anqas jien hekk nifhima issa ma nafx*" (fol. 99). L-intimat ikkonferma ukoll li x-xbieha li hemm fir-ritratt esebit a fol. 52 tal-process hija tieghu.

Ikkunsidra ulterjorment;

11. It-Tribunal, mill-assjem tal-provi ma ghandux dubju li l-hsara riskontrata fil-vettura proprjeta tar-rikorrenti twettqet mill-intimati u ta' din il-hsara ghandhom iwiegbu t-tnejn li huma ghaliha. It-Tribunal ma huwiex jemmen lill-intimati meta qalu t-tnejn li huma li l-vettura tar-rikorrenti kienet miftuha. Kieku kienet miftuha ma kienx ikun hemm raguni l-ghala l-intimata tghid li huma kienu marru fid-dar tal-genituri tar-rikorrenti sabiex igibu c-cwievet tal-vettura proprjeta ta' l-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti stqarr ukoll li meta huwa mar biex jara x'kien gara mill-vettura tieghu, huwa kien fetaha bic-cavetta u sab il-handbrake imnizzel. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubbita mill-veracita tax-xhieda tar-rikorrenti. Mhux l-istess haga jista jghid ghar-rigward tax-xhieda ta' l-intimati.

12. Apparti dan, mill-filmat li t-Tribunal ra fl-intier tieghu, jirrizulta li l-intimati jidhru fil-filmat madwar tlettax (13)-il minuta wara li jibda. Huma waslu fejn il-garaxx b'vettura tal-lewn abjad. L-intimat jidher niezel mill-vettura l-bajda li giet ipparkegga vicin id-dahla tal-garaxx, imur fuq in-naha tal-passigier, johrog xi haga minnha u niezel fil-garaxx b'xi haga f'idejh. Mieghu kien hemm l-intimata. Fil-wiehed u ghoxrin (21) minuta tidher il-vettura tat-tip mini minor hierga bir-*reverse* mill-imsemmi garaxx. L-intimata harget bil-mixi. L-intimata fethet il-bieba tal-mini minor u wara li ghalqitha, din instaqet min fejn il-garaxx. Hija marret fil-vettura l-bajda u saqitha lura. Lejn l-ahhar tal-video, hija tidher miexja fid-direzzjoni ta' fejn kienet marret il-mini minor.

13. Illi jirrizulta ukoll li hemm kwistjonijiet bejn l-ahwa liema kwistjonijiet jidher li qieghed jikkawzahom l-intimat. Hekk per ezempju kien l-intimat li qieghed il-vettura tieghu fil-*parking space* proprjeta tar-rikorrenti u hallieha hemm. Kieku l-intimat ma qieghedx il-vettura tieghu hemm, dan l-incident ma kienx isehh. Dwar l-intimata, peress li ma jirrizultax lit-Tribunal min miz-zewg intimati ghamel din il-hsara fuq il-vettura, allura huma t-tnejn ghandhom iwiegbu ghal istess.

14. Jidher ukoll li din mhux l-ewwel darba li kien hemm xi incident bejn l-ahwa u kien hemm anke okkazzjoni fejn kien hemm xi glied involut. Hija verament hasra li qeghdin jigru dawn l-affarijiet f'din il-familja.

15. Ghar-rigward ta' l-ammonti reklamati, it-Tribunal huwa sodisfatt li dawn huma ppruvati sodisfacentement skont il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, qieghed jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu in solidum bejniethom lir-rikorrenti l-ammont ta' mija hamsa u erbghin euro (€145) bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tan-notifika tat-Talba odjerna u cioe mis-27 ta' Awwissu, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**